MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 900/2011

**Ali Al-Shinawi**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi l-esponent twieled ġewwa l-Iraq nhar it-2 ta' Jannar 1939.

2. Illi huwa kien sussegwentament iżżewweġ fit-18 ta' Marzu 1961, dejjem fl-Iraq.

3. Illi huwa ġie naturaliżżat u dikjarat ċittadin Malti fit-18 ta’ Mejju 2011 (Ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija numru 2460).

4. Illi l-Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta jipprovdi:

*“Kull att ta’ twelid, ta’ żwieġ jew ta’ mewt ta’ ċittadin ta’ Malta magħul jew reġistrat f’pajjiż barrani minn awtorita’ kompetenti f’dak il-pajjiż, li ma jkunx att magħmul jew reġistrat skond is-sub-artikolu (1) jew is-sub-artikolu (2) tal-artikolu 270, jista’, fuq talba ta’ kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtentiċita’ ta’ dak l-att, jiġi reġistrat f’dawn il-Gżejjer bl-istess mod bħallikieku kien att magħmul minn waħda mill-persuni msemmija f’dan it-titolu.”*

5. Illi minkejja illi l-esponent issa huwa ċittadin Malti u dan b’effett mit-18 ta’ Mejju 2011 u li huwa għandu passaport Malti b’effett mill-1 ta’ Awissu 2011, u minkejja illi pprovda lill-intimat dokument awtentiċi tal-att ta’ twelid ta’ żwieġ tiegħu magħmula u reġistrati f’pajjiżi barrani minn awtorita’ kompetenti f’dak il-pajjiż, l-istess intimat qiegħed jirrifjuta li jirreġistra l-istess atti ta’ twelid u żwieġ u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-Liġi hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Prevja kull dikjarazzjoni oħra opportuna, tiddikjara illi r-rikorrent għandu d-dritt illi l-att ta’ twelid tiegħu l-att ta’ żwieġ tiegħu li ġew magħmula u reġistrati fir-Repubblika tal-Iraq jiġi reġistrat f’dan il-Gżejjer;

2. Konsegwentement tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju huwa jirreġistra l-imsemmija atti ta’ twelid u ta’ żwieġ skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 270 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentat fis-27 ta' Ottubru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament jingħad li din l-azzjoni hija intempestiva għaliex kellha tkun preċeduta minn ittra uffiċjali jew protest *ai termini* tal-Artikolu 460(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti jirrileva li m'għandu l-ebda oġġezzjoni jirreġistra l-atti ta' twelid u taż-żwieġ tar-rikorrenti u dan għaliex kif qal ben tajjeb huwa stess, Ali Al-Shinawi jissodisfa pjenament ir-rekwiżiti neċessarji kontemplati fl-artikolu 244 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi però, dak li r-rikorrenti qed jitlob lill-esponent jirreġistra **ma humiex atti** ta' twelid u / jew taż-żwieġ tiegħu **iżda żewġ dokumenti** u ċjoe', dokument minnhom huwa kuntratt ta' żwieg li sar b'forma reliġjuża (Dok. A.) u d-dokument l-ieħor jikkonsisti merament f'kopja ta' Karta tal-Identita' miktuba bl-Għarbi (Dok. B**.) li lanqas ma hu magħmul jew wisq iktar irreġistrat minn awtorita' kompetenti** ta' dak il-pajjiż barrani li fih dan sar skond kif jeżiġi l-artikolu *de quo;*

4. Illi, *di piu'*, tali dokumenti lanqas ma ġew b'xi mod awtentikati. Għaldaqstant il-kundizzjoni *sine quo non* rikjesta mill-istess artikolu u ċjoe' li d-direttur esponenti għandu **jkun sodisfatt dwar l-awtentiċita'** tal-att magħmul minn awtorita' kompetenti fl-esteru sabiex dan jista' jiġi reġistrat, lanqas ma jista' jingħad li ġie sodisfatt;

5. Attiż dawn il-prinċipji legali, isegwi li t-talbiet kif dedotti mill-attur huma insostenibbli u għalhekk ma jistgħux jiġu akkolti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 244 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja biex l-atti msemmija fir-rikors li jkunu ġew reġistrati f'pajjiż barrani jiġu reġistrati f'Malta.

Illi l-ewwel eċċezzjoni ġiet sorvolata bil-preżentata tal-att ġudizzjarju esebit fil-mori tal-kawża.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isem l-attur hija evidentement ġustifikata billi jidher ċar li l-atti preżentati minnu huma ġenwini u huwa ma kienx f'pożizzjoni minħabba s-sitwazzjoni f'pajjiżu li jipprovdi b'dokumenti awtentikati. Naturalment il-konvenut ma jaħti xejn u m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi. Għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------